MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 117/2010

Kawza fil-lista: 27

**A B f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri <isem minuri>**
**vs**
**DF, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u HK kjamat fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-attrici welldet lit-tifel <isem minuri> fit-28 ta' Settembru 2009 minn relazzjoni ma' ragel iehor, meta kienet ilha de facto separata minn ma' zewgha, il-konvenut DF, sa minn Frar 2004, u meta wkoll ir-relazzjonijiet konjugali ma' zewgha kienu ilhom li waqqfu minn dak iz-zmien; li, ghalhekk l-istess konvenut mhuwiex

il-missier naturali tat-tifel, nonostante li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 4282/2009 it-tifel gie ndikat bhala l-wild tal-konvenut DF; ghaldaqstant l-attrici qeda titlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara li l-imsemmi tifel mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut DF, izda huwa l-wild naturali tal-kjamat fil-kawza Moqmen Abdu Issharki; u [2] l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, wara li ssolleva eccezzjoni ta’ natura preliminari li giet eventwalment irtirata wara d-digriet moghti minn din il-Qorti fit-23 ta’ Marzu 2011, irrefera ghall-artikolu 77, u wkoll ssolleva l-eccezzjoni bazata fuq id-dispost ta’ 81 tal-Kap.16 dwar il-pussess ta’ stat legittimu tat-tifel;

Rat li fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2011, il-konvenut DF ddikjara li jaqbel mat-talbiet attrici;

Rat li fl-udjenza tas-17 ta’ Novembru 2011 il-kjamat fil-kawza, HK, iddikara li l-isemmi tifel huwa l-wild tieghu;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel <isem minuri> li hi weldet fit-28 ta’ Settembru 2009 u li fuq l-att tat-twelid tieghu gie registrat bil-kunjom Bonavia, mhuwiex il-wild tal-konvenut DF, izda huwa l-wild naturali tal-kjamat fil-kawza HK.

Illi mill-provi u mix-xhieda mismugha rrizulta li l-attrici u l-konvenut DF, isseparaw de facto fi Frar 2004, u minn dak iz-zmien ‘il quddiem ma kellhomx relazzjonijiet intimi.

Sussegwentement fis-sena 2007 l-attrici kienet dahlet f’ relazzjoni stabbli u esklussiva mal-kjamat fil-kawza, liema relazzjoni ghadha ghaddejja; u minn din ir-relazzjoni twieled l-imsemmi tifel li, allura l-attrici ssostni li hu l-wild naturali ta’ l-istess HK, u li fil-fatt it-tifel dejjem gie kkunsidrat bhala tali.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jssuffragaw it-tezi attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett ta’ l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 81 tal-Kap.16, tilqa’ t-talbiet, u tiddikjara li t-tifel <isem minuri> li twieled mill-attrici fit-28 ta’ Settembru 2009 mhuwiex il-wild tal-konvenut DF, izda huwa l-wild naturali tal-kjamat fil-kawza HK.

Spejjez a kariku ta’ l-attrici proprio, u tal-kjamat fil-kawza, konguntivament u fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------